# FERHA QASIRA

Commander Herbert George Jones kien ilu għoxrin sena fin-Navy; għoxrin sena ta' ħidma bla mistrieħ u ta' safar bla hedu. Minn daqsxejn ta' Midshipman baqa' tiela' sakemm bil-għaraq ta' ġbinu u bil-għaqal ta' moħħu laħaq Commander; kien Fizzjal ta' reqqa kbira fis-servizz, jilħaq ma' l-irqaqat kollha u ma jaħrablu xejn minn taħt għajnejh, ma kien jaħfer l-ebda għelt u ma jagħlaq għajnejh għall-ebda nuqqas; fejn jeħtieġ hu kien jaqbeż għal dawk ta' taħtu, iżda kien irid li huma jagħmlu dmirhom minn rajhom u kif imiss u ħażin għalih minn jinqabad jiskarta mix-xogħol tiegħu.

Bħala Commander, Mr. Jones ma kienx hemm Fizzjal li jinqala' aktar minnu, izda b'daqshekk f'dawn l-aħħar snin huwa kien baqa' bla ma ngħażel biex javanza u jilħaq Kaptan; ta' kull darba fl-ewwel tas-sena u f'nofs is-sena, meta jixxandru l-ismijiet ta' dawk li javanzaw fin-Navy, Commander Jones kien iħoss għafsa ta' qalb meta jara oħrajn jogħlew u jitilgħu u huwa jibqa' fejn ikun donnu minsi mill-Kbarat tal-Ammiraljat; kien iħoss ruħu miksur u mriegħex għax kien jidhirlu li ma jmisshomx jinsewh u jwarrbuh wara li hu kien jaqdi dmiru sewwa u kif imiss, u fid-dwejjaq ta' qalbu m'hux darba jew tnejn għaddielu ħsieb minn moħħu li jitlaq in-Navy, iżda kull darba kien jiftakar f'ibnu li kien għadu kemm jibda l-karriera tiegħu fin-Navy u mħabba fih kien jitqanna u jissabbar u jimmansa biex ma jagħmelx xi ħaġa li tisfa' ta' ħeni lil ibnu.

Commander Jones kien qiegħed igħix għal ibnu u kull ma jagħmel, kull ma jixtieq, kull ma jħawtel kien bil-fehma li jgħaddi 'l quddiem lil ibnu, Midshipman George Herbert Jones, li ma kellux ħliefu. Commander Jones ma kellux kapriċċi u ma kienx ħażin minn daru, imma sewwa hu kemm martu kellhom moħħom mimli b'dak binhom li minnu kienu jistennew ħwejjeġ kbar, it-tama tagħhom kienet kollha fih u l-hena tagħhom kienet meta jġibuh quddiem għajnejhom kbir u miqjum, kmand għoli u tal-ġieh, Ammirall imfaħħar, bil-bandiera tiegħu tperper fuq l-aqwa ġifen.

Għalhekk Commander Jones kellu xewqa kbira li jilħaq Kaptan; hu kien jixtieq jilħaq m'hux biex javanza daqs kemm biex ikun jista' jiswa lil ibnu; għax Midshipman George

Herbert Jones, bin il-Kaptan Herbert George Jones, kien aktar idoqq f'widnejn il-Kapijiet u l-Irjus Kbar tal-Ammiraljat. Iżda Commander Jones kien baqa' bla ma temm xewqtu u issa kien fl-aħħar tal-karriera tiegħu għax jekk fl-aħħar tas-sena ismu ma jidherx fil-lista tal-Kaptani ġodda hu kien ikollu jħalli u jitlaq mis-servizz biex jagħmel il-wisa' għal dawk ta' warajh.

* * *

Kien jum l-aħħar tas-sena u Commander Jones kien iħoss ruħu fuq ix-xwiek, kien mifxul, maqtugħ, ħosbien; għadda nofs ta' nhar tiela' u nieżel minn fuq il-kverta għal fuq il-*bridge* jew għal isfel fil-*gunroom*. Ma kellux qagħad u kien jidher imħawwad għall-aħħar, kultant wiċċu kien jiddi bil-hena tat tama u minn xi daqqiet bħal sħaba sewda kienet iddallamlu ġbinu; f'qalbu kien qiegħed iħoss taqlib kbir; dak il-jum kellu jkun għal Commander Jones jew it-tmiem tal-ħajja tiegħu fis-servizz jew il-qabża għal post aktar għoli u tal-ġieh mnejn kien jista' aktar ibiġġel lil ibnu fit-triq li kellu jgħaddi minnha.

Il-Commander ħass diqa kbira meta ġieb quddiem għajnejh li fi ftit sigħat oħra kellu mnejn isellem għall-aħħar darba l-*Quarter-deck* u jħalli n-Navy, dik in-Navy li għaliha kien inxteħet bil-ħrara ta' qalbu kollha minn meta daqsxejn ta' *snotty* kien ħareġ mill-kulleġġ ta' Dartmouth imqanqal mill-ħeġġa taż-żgħużija; it-tifkira ta' l-imgħoddi, it-taħbit, it-tbatħir u x-xogħol iebes li huwa dejjem indaħal għalihom bla tkewtil sħajjilhom qishom ġraw il-bieraħ u raġa' ħass il-ferħ li kull darba kien iġarrab meta, bi ħlas tal-ħidma tiegħu, kien javanza għal post aqwa u ogħla; hu kien iħoss ruħu b'saħħitu u jiflaħ għad-deffa. Tgħid isehħlu jilħaq Kaptan? Għal dan il-ħsieb ħass bħal tferfira f'qalbu u tbissima feġġet fuq xufftejh; bħala Kaptan kien jaqbad it-triq aktar għolja li setgħet twasslu għal ġieh akbar u barra dan kien jibqagħlu medda ta' snin oħra, fis-servizz u f'dawk is-snin min jaf fejn seta' jilħaq Fizzjal bħalu li qatt ma qata' qalbu mis-servizz.

Dawk il-ftit sigħat li kien baqagħlu biex tinqatagħlu xortih Commander Jones rahom twal ma jgħaddu qatt u kien jixtieqhom itiru malajr ħalli jaqta' ż-żarda, iżda kien jibża' u jitkexkex mix-xorti ħażina li setgħet tmissu malli l-arloġġ jaqleb għall-ewwel tas-sena u f'dak il-qtigħ ta' qalb il-Commander ħass ruħu qisu mdendel bejn is-sema u l-art jistenna minn ħin għal ieħor jew li jinqata' u jistabat ma' l-art jew li jintrefa' u jogħla 'l fuq.

Il-baħrin u l-Fizzjali l-oħra kienu jidhru ferħanin u henjin jistennew tidħol sena oħra, sena li huma kienu jistennew li ġġibilhom kull ġid u risq; f'dak l-aħħar jum tas-sena kulħadd kien nesa l-hemm tal-gwerra u kien jittama li s-sena l-ġdida ġġib il-paċi, il-hena u s-sliem. Wara xahrejn safar fuq il-baħar għassa mal-konvojiet, ħbit għas-sottomarini u sparar fuq l-ajruplani tal-għadu, il-frejgata tal-Commander Jones kienet daħlet il-port tissewwa, titnaddaf u sserraħ in-nies. Malli niżlu l-art il-baħrin tawha għal ħala u ddivertew kemm felħu iżda f'dak l-aħħar jum tas-sena kull min kien fuq dik il-frejgata ħass faraġ bla qies imnissel mill-hena tat-tama għal żmien aħjar. F'jum bħal dak qabel il-gwerra, kienu jżejnu l-frejgata bil-kif, fil-messijiet kienu jdendlu trieħi u fanali tal-karti ta' bosta lwien u weraq tal-palm u tiżjin bil-ħaxix hekk li kull fejn iddawwar wiċċek ma tarax ħlief ġmiel u hena, iżda din is-sena l-gwerra rażżnet kull fawra ta' ferħ; madankollu abbord kien hemm bħal fewġa ta' sliem u ta' tama fiż-żmien li ġej.

Commander Jones ma kellux sabar jieqaf imkien, daħal u ħareġ kemm-il darba fil-gabina tiegħu, dar il-bastiment kollu għal darba tnejn, daħal f'kull rokna u niżel fl-istivi kollha, kien miexi mifxul, jiskarta lil sħabu, il-ħin kollu jtajjar il-ħsieb tal-għada minn rasu iżda minnufih kien jarġa' jġib quddiem moħħu x'sej ikun għażlu ma' sbieħ il-għada: jew promozzjoni u ġieh, kobor u qawwa jew minsi minn kulħadd u l-karriera tiegħu fin-Navy mitmuma.

Meta dalam Commander Jones kien donnu bniedem mitluf fih in-nifsu u kien jidher mikdud minn ħsibijiet koroh; kemm-ilwieħed mill-Fiżżjali sħabu kien tħajjar igħaddilu kelma ta' faraġ u ta' tama, imma kollha beżgħu li jekk isemmulu fuq l-avanz tiegħu aktar iħawduh; fl-aħħar it-Tabib Commander Smith, li kien ilu ħafna jafu lil Jones u kien ħabib tiegħu tal-qalb, resaq fuqu u daħħlu jieħu grogg.

Fil-mess kien hemm ħafna Fizzjali: min jixrob, min jidħak, min jiċċajta; xi erbgħa minnhom kienu miġburin ma' dwar wieħed minn sħabhom li kien idoqq fuq il-pjanu, ikantaw għalenija *"There is a Tavern in the Town"* u kienu jkantaw hekk bil-ħrara li donnhom kien jinħteġilhom ixandru ma' l-erbat irjieħ li fil-belt kien hemm dik it-tverna.

Malli daħal Jones, xi erba' Fizzjali qalulu: "x'se tixrob Commander ?"

"Ġin b'qatra Angostura".

Il-Fizzjali għollew it-tazzi.

"Bis-saħħa tiegħek Commander" qal wieħed.

"Nixtiqulek kull risq", tenna ieħor.

"Jalla iseħħlek kull ma tixtieq qalbek", żied ieħor.

Commander Jones telgħetlu għoqla għal griżmejh, ried kieku jiżżiħajr lil dawk sħabu għax ħass li huma kienu minn qalbhom jixtiqulu xorti tajba, iżda ħass ruħu mifxul u ma għarafx x'jibda jgħid; qatt daqs dak in-nhar ma għaraf kemm qalbu kienet marbuta man-Navy u ma' sħabu l-Fizzjali l-oħra u l-ħsieb li jinfired minnhom għal dejjem beżżgħu u kexkxu. It-Tabib Smith malajr għaraf x'kien għaddej minn moħħ Jones u wara li xorbu, ġibdu u ħarġu miegħu fuq il-kverta.

Dawk iż-żewġ Fizzjali damu għal ftit tal-ħin jippassiġġaw fuq il-kverta bla ma jgħidu kelma; imbagħad f'daqqa waħda Commander Smith qal lil Commander Jones:

"Herbert, għax ma tmurx tgħaddi dan il-lejl id-dar".

"Ma xtaqtx ninkwieta lill-mara meta tarani ma' wiċċha b'dan il-qtigħ ta' qalb fuqi."

"Inti kemm qtajt qalbek!"

"Nibża' li s-sena d-dieħla ma taranix aktar abbord".

"Ħallik minn dan! Isma' minni, inżel u mur id-dar. Mrs. Jones tkun tistenniek f'dan l-aħħar lejl tas-sena".

"Jekk tiġi aħbar ħażina?"

"Ikollok il-mara biex tfarrġek u taqsam id-dwejjaq miegħek".

Commander Jones baqa ħosbien u ħiemed. Smith raġa' qallu:

"Ara x'nagħmlu; inti mur id-dar; jekk tasal aħbar tajba jien nieħu ħsieb nibagħthielek malajr ma' baħri, jekk sa nofs siegħa wara li jdoqq nofs il-lejl ma jasallek xejn jiġifieri li ma tkunx waslet aħbar tajba għalik".

Jones baqa' jaħseb għal ftit tal-ħin, imbagħad qal:

"Kos sewwa qiegħed twissini; jekk tiġi aħbar ħażina aħjar tasalli d-dar fejn ma jkunx hemm barranin li jaraw id-dwejjaq tiegħi, jekk tkun aħbar tajba, naqsam il-ferħ tagħha ma' marti."

* * *

Commander Jones daħal id-dar tiegħu qisu 'ras maqtugħa, ma kellu ħajra ta' xejn u bilkemm sellem lil martu li marret iddur bih bil-ħrara ta' qalbha kollha.

"Taqtax qalbek, Herbert! Għandi xi jgħidli li l-lejla kollox iseħħ kif tixtieq qalbna" qalet Mrs. Jones biex idderri lil żewġha. Iżda Commander Jones kellu swied il-qalb li ma bħalu u bilkemm wieġeb għal ħajr ta' martu, imbagħad f'daqqa donnu ftakar f'xi ħaġa u staqsa:

"George tagħna għadu ma bagħtilniex is-sena t-tajba?"

"Naħseb li ddawwar biex it-telegramm bit-tislija tiegħu jaslilna malli tidħol is-sena l-ġdida".

Commander Jones u martu kielu bis-skiet u fil-ħemda, imbagħad wara l-ikel hu qabbad il-pipa u mar inxteħet fuq pultruna għal taparsi jaqra, iżda l-ħin kollu kien iħares bil-ħatfa lejn l-arloġġ donnu jibża' minnu, imbagħad għalaq il-ktieb u mar qabbad ir-radju, iżda malli sama l-ġazz għalqu malajr u fetaħ ġurnal; imma beda jqallbu bla ma jaqra. Mrs. Jones kienet bil-qiegħda taħdem is-suf, b'għajnejha msammra fuq żewġha u titħassru taraħ f'dik il-qagħda.

Wara ftit daħlet is-seftura u bla ħsejjes poġġiet gabarrè bil-kafè fuq tavolin, imbagħad waqfet tħares lejn is-sinjura li għamlitilha sinjal biex titlaq.

Mrs. Jones qabdet kikkra u mlietha bil-kafè sħun idaħħan, imbagħad staqsiet lil żewġha:

"Żewġ kuċċarini żokkor, hux?"

Il-Commander mejjel rasu u martu newlitlu l-kafè fil-waqt li qaltlu:

"Ħu din il-kikkra kafè u tajjar kull ħsieb minn rasek."

Commander Jones ra għajnejn martu jiddu bil-ħrara ta' qalbha u qara fihom l-imħabba li dik martu kellha tħeġġeġ għalih, ħass tqanqila ta' għożża u fetaħ qalbu magħha.

"Minħabba fik u minħabba fit-tifel tagħna l-aktar li nixtieq navanza biex narakom it-tnejn aktar meqjumin, henjin u ferħanin."

Mart Jones qabditlu idu għafsithielu u weġbitu: "X'irrid iżjed? Għandi lilek, għandi 'l ibni; sakemm jibqagħli lilkom ma jonqosni xejn."

Dak il-ħin l-arloġġ instama' jdoqq nofs il-lejl. Commander Jones u martu nħasdu u tbikkmu, bilkemm felħu jagħtu s-sena t-tajba lil xulxin; issa minn ħin għal ieħor huma kienu jistennew tinqata' x-xorti tagħhom, kellu mnejn dak il-ħin stess fil-wisa' tas-smewwiet kienet għaddejja bħal berqa l-aħbar bir-radju li Commander Jones laħaq Kaptan. Iżda kieku dik l-aħbar ma

tasalx u hu jibqa' minsi bħal drabijiet oħra? Għal dan il-ħsieb hu ħass bħal ħedla f'riġlejh u nxteħet fuq il-pultruna.

Mrs. Jones xtaqet tgħid xi ħaġa lil żewġha, imma l-kliem kien imutilha fuq xufftejha, fl-aħħar qaltlu:

"Herbert, għamilt sew il-lejla ġejt tgħaddiha hawn miegħi."

Commander Jones ħares lejn martu b'għajnejh miksurin u ma għarafx iweġibha, madanakollu nofs il-lejl kien daqq u l-ħin għaddej dejjem mat-tektik tal-arloġġ u dawk it-tektikiet Jones ħasshom bħal daqqiet f'qalbu, f'daqqa waħda qabduh dwejjaq kbar, qam bil-herra u mar jiftaħ it-tieqa, iżda malli fetaħha nstama' bħal tgeġwiġ ġej mit-triq ta' taħtu, tgeġwiġ imsieħeb ma' daħk u agħjat ta' ferħ.

Il-Commander baqa' wieqaf bla ma tħarrek minn wara t-tieqa, iżda martu qamet tiġri u marret irtasset miegħu biex tisma' hi wkoll, imbagħad huma t-tnejn taw ħarsa bil-ħatfa lejn xulxin filwaqt li ħassew tferfira ta' hena fi qlubhom. Mrs. Jones qabdet id żewġha u fil-waqt li rassithielu ma' qalbha qaltlu:

"Nifraħlek! Ġejjin sħabek iwasslulek il-bxara tajba."

* * *

Bla telf ta' żmien il-bieb infetaħ u xi għaxar fizzjali ntefgħu ġewwa d-dar tal-Commander Jones jeħdulu b'idejh, jifirħulu għax laħaq Kaptan u jixtiequ lilu u lil martu s-sena t-tajba; f'radda ta' salib mewġa ta' ferħ donnha għattiet id-dar; fejn qabel kien hemm ħemda u skiet ta' ksir il-qalb issa nstemgħu daħk u agħjat ta' faraġ u sliem; beda x-xorb, xi ħadd qabbad ir-radju, u kollha fetħu fommhom biex jiżvogaw l-hena ta' qlubhom.

"Malli waslet il-lista ta' dawk li avanzaw u sibna ismek fost dawk li laħqu Kaptani, in-nies kollha ta' abbord infexxew f'agħjat ta' ferħ u aħna ġejna niġru bl-aħbar tajba," qal wieħed mill-Fizzjali lil Jones.

"Jien u marti niżżukhom ħajr bil-qalb kollha" wieġeb il-Commander li dak il-ħin stħajjel ruħu tala' sas-seba' sema, dak il-mument kien għalih il-milja tax-xewqat ta' qalbu, biex jasal f'dak il-mument Jones kien għadda bosta snin iħabrek, iħawtel u jaħdem; issa qalbu kien iħossha bħal imħenna f'sakra ta' hena u tqanqila ta' ferħ kienet tħeġġiġlu ġismu kollu. Dak il-ħin wasal baħri jilheġ bil-ġiri u newwel telegramm lil Commander Jones.

"It-telegramm biex ighharrfuk li lħaqt Kaptan!" qalu xi erba' Fizzjali lil Commander Jones; dan poġġa t-telegramm fuq mejda, daħħal idu fil-but, ħareġ żewġ liri u tahom lill-baħri filwaqt li qallu biex imur fil-kċina jieħu grog, imbagħad dar fuq sħabu u stedinhom biex jerġgħu jimlew it-tazzi; dawk ma qalux le u damu hekk qatigħ, jixorbu, jifirħu, jiċċaċċraw u jidħku.

F'daqqa waħda nfetaħ il-bieb u daħal it-Tabib Commander Smith; kien jidher miblugħ u mifxul, kellu wiċċu mqarras u għajnejh miksurin; malli rah Commander Jones inqata', mela rasu u resaq lejn Smith biex jara x'kien inqala'; it-Tabib ġibed lil Commander fil-ġenb u bit-tlaqliq staqsih:

"Mela ma wasallekx it-telegramm?"

Jones qalbu għamlet tik u b'biża' kbir fuqu wieġeb:

"Għadu kemm kien hawn il-baħri bit-telegramm."

"Bgħatthulek jien biex jasal hawn qabel dawn il-Fizzjali."

"Għaliex?" ħettef Jones.

"Mela għadek ma qrajtux it-telegramm?" staqsa Smith b'għaġeb kbir fuqu.

"Xħettu fuq il-mejda bla ma ftaħtu. Mhux l-aħbar tal-avanz tiegħi?" qal Jones b'għajnejh imberrqin donnu kien qiegħed jibża' mill-aħbar li kien fih it-telegramm.

It-Tabib baqa' sieket donnu ma jafx x'jibda jgħid u kif iwieġeb, fl-aħħar ħares sfiq lejn Jones, medd idu fuq spalltu u qallu:

"Herbert, dejjem żammejtek b'raġel ta' ħila u qatt ma naf li inti waqajt taħt it-toqol tal-għali u tan-niket."

"X'fih dak it-telegramm?" staqsa Jones b'għajnejh iridu jtajjru x-xrar.

Smith telgħetlu għoqla għal griżmejh u bħal tbikkem, imbagħad għamel sforz u wieġeb b'leħen maħnuq:

"Dak it-telegramm fih aħbar fuq ibnek, wasal malli konna nafu li inti lħaqt Kaptan u għalhekk fittixt bgħatthulek malajr għax xtaqt li jasallek qabel l-aħbar ta' ferħ".

Jones ħa dehxa u qabditu rogħda li bil-kemm felaħ jieqaf fuq riġlejh u

"Ibni miet!" qal.

"Intilef il-lum, meta l-lanċa li kien fuqha ħabtet ma' *mine* u taret."

Commander Jones ra dalma quddiem għajnejh, ħass il-kamra ddur bih, intreħa fuq siġġu, għatta rasu b'idejh u ħar-ġitlu karba minn qiegħ qalbu. Mrs. Jones resqet mifxula ħdejn żewġha. Dak il-ħin ir-radju kien idoqq il-għanja *"I Pray for You."* Missier u omm Midshipman George Herbert Jones ħassew qalbhom trid tinqasam....

Ġużè Galea